MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 157/2002/1

**BDS Limited**

**vs**

**Ta' Xbiex Lapins Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, seba' mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm3,726.24) liema somma hija dovuta skond seba' (7) kambjalijiet iffirmati mill-istess konvenut proprio et nomine, li kopja taghhom giet esebita, liema kambjaliet skadew fis-6 ta' April, 2001, fis-6 ta' Mejju, 2001, fis-6 ta' Gunju, 2001, fis-6 ta' Lulju, 2001, fis-6 ta' Awissu, 2001, fis-6 ta' Settembru,2001, u fis-6 ta' Ottubru, 2001, izda baqghu ma thallsux, nonostante li s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, anzi taw cheque li gie "referred to drawer".

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' Ittra Ufficjali datata 22 ta' Frar, 2002, u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza, pero' zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socejta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fid-29 ta' Ottubru, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit
Dep Reg.